# IL-QANPIENA

Awissu 2007 | Parroċċa Sant'Elena - Birkirkara | Ħarġa Numru: 314

## INSELLMILKOM



Il-Prepostu - Dun Anton Cassar

**Dwar il-festa Titulari ta' Santa Elena**

Minflok il-messaġġ tas-soltu, minħabba il-mewt mhux mistennija ta' ħames ħaddiema fil-Kamra tan-Nar se nġib l-"*statement"* li l-Kapitlu Elenjan ħareġ flimkien mal-Għaqdiet nvoluti.

Tislijiet u Talb

***Dun Anton***

Fiċ-ċirkustanzi tat-traġedja fil-Kamra tan-nar Sant'Elena ta' nhar is-27 ta' Gunju 2007 li ħalliet ħames vittmi mejta u ieħor imweġġħa, il-Kapitlu Elenjan flimkien ma' l-Għaqdiet kollha involuti fil-festa Titulari ta' Sant' Elena, li huma:

l-Għaqda Nar Sant'Elena
Għaqda Muzikali Santa Elena
Każin Santa Liena Duke of Connoughts' Own
Il-Kumitat tal-Festa, inkluż l-għaqda ta' l-armar
Kunsill Lokali Birkirkara
Soċjeta' Dun Filippu Borgia
Il-Kunsill Pastorali Parrokkjali

U Il-Komunita' Parrokjali jħossu li jkunu qed juru solidarjeta' u kompassjoni mal-familjari ta' dawn il-vittmi u jesprimu s-sentimenti tal-poplu Karkariż kollu, billi l-festa titulari ta' Santa Elena ta' din is-sena tkun ridimensjonata.

Għalhekk ġie deċiż li għal din is-sena issir il-festa liturġika fit-18 t'Awissu f'ġieh Santa Elena mifruxa fuq erba' tijiem biss, u dawn ġewwa l-Bażilika ta' Santa Elena.

---

***Bukketti ta' fjuri li ma jinxfux.***

Minbarra l-bukketti ta' fjuri li jitpoġġew fil-Knisja, se jkun hemm bukketti ta' fjuri li ma jinxfux. Il-Kapitlu ddeċieda li quddiem l-Istatwa tal-Patruna Sant' Elena se jkun hemm żewġ notice boards apposta għall-cards bl-ismijiet ta' min ta offerta għal:

**"Christus Sacerdos" Dar tal-Kleru, fejn hemm madwar 50 saċerdot/reliġjuż rikoverat. Hu il-mod kif wieħed jgħid GRAZZI għas-servizz li huma taw lill-Knisja.**

Min jixtieq, jista' joffri Lm3 jew iżjed bħala bukkett donazzjoni minflok bukkett fjuri quddiem l-istatwa fiż-żmien tal-festa. B'hekk inwettqu dak li nkantaw fl-Antifona ta' Sant'Elena "*Manum suam aperuit inopi et palmas suas extendit ad pauperem, et panem otiosa non comedit.*"

"*Fetħet idha mal-fqir, meddet idejha lejn l-imsejken u l-ħobż ma kilitux ma tagħmel xejn.*"

Min ikun irid, imur l-Uffiċċju Parrokkjali jew isib lil xi wieħed mis-Saċerdoti.

# Festa tal-Madonna tal-Ħerba

**L-ERBGĦA - 1 ta' wwissu**

6.00 pm Ċelebrazzjoni Marjana u Quddiesa għall-benefatturi ħajjin animata mill-Kongregazzjoni Marjana u l-Azzjoni Kattolika - Fergħa Adulti. Iqaddes il-Kan. Dun Pawl Gauci, Direttur Spiritwali tagħhom.

**IL-ĦAMIS - 2 ta' Awissu**

6.00 pm Ċelebrazzjoni Marjana u Quddiesa għall-benefatturi mejtin animata mill-Kongregazzjoni Marjana - Fergħa Adulti. Iqaddes il-Kan. Dun Pawl Gauci, ex-rettur tas-Santwarju.

**IL-ĠIMGĦA - 3 ta' Awissu**

7.00 pm Quddiesa ta' ringrazzjament u tiġdid tal-wegħdiet taż-żwieġ mill-koppji li żżewġu fis-Santwarju fl-2006 -2007. Iqaddes il-Kan. Dun Pawl Gauci f'għeluq il-54 sena mill-ordinazzjoni tiegħu.

8.00 pm Adorazzjoni mmexxijja mill-membri tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla.

**IS-SIBT - 4 ta' Awissu**

4.30 pm Ċelebrazzjoni Marjana.

5.00 pm Quddiesa b'suffraġju ta' dawk li mietu fix-xahar ta' Lulju. Iqaddes il-Kan. Dun Pawl Gauci.

7.00 pm Fuq iz-zuntier: Quddiesa u preżentazzjoni tat-trabi u tfal lill-Madonna. Iqaddes l-Arċisqof Emeritus Giuseppe mercieca. Janima il-kor Ommna Marija Sultana tal-Paċi.

**IL-ĦADD - 5 ta' Awissu**

7.15 am Quddiesa minn Dun Joe Borg.

9.00 am Quddiesa mill-Prep. Kan. Dun Anton Cassar, rettur tas-Santwarju.

6.00 pm Quddiesa Kantata u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Imexxi Mons. Tarcisio Delicata. Mużika taħt id-direzzjoni tal-Mro. Anthony Saliba. Il-Kor Parrokkjali Sant Elena janima matul il-ġimgħa.

**UFFIĊĊJU PARROKKJALI**

4 Triq is-Santwarju
Birkirkara BKR 2304

Tel. 21444725
Fax. 21445540
info@bazilikasantelena.com
www.bazilkasantelena.com

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa

Fil-għodu 10.00 - 11.45
Fil-għaxija 5.00 - 7.00

**Prepostu Arċipriet:**
Dun Anton Cassar

**Viċijiet:**
Kan Dun Michael Borg
Kan Dun Charles Gauci

**Fil-Bażilka**
**Qrar:**
**Is-Sibt:** mill-3.45pm 'l quddiem
**Il-Ħadd:** Fil-għodu u fil-għaxija, bejn kull Quddiesa. (Sagristija).
**Rużarju:**
Kuljum fit-8.15am u fis-6.00pm


CASA ANTONIA

Residential and Nursing Home
Pope Alexander VII Junction
Balzan BZN 02

**Informazzjoni:**
Tel: 21470677/8
Fax: 21496278
Website:
www.casa-antonia.com.mt
email:
info@casa-antonia.com.mt

John Tonna
Tel: 21440146



ROLL-IN PASTIZZERIA

51, ST. HELEN SQUARE, B'KARA
TEL. 21 48 53 98
EUCH. CONGRESS STR., MOSTA
TEL. 21 43 25 36

**Issibu:** Meat Pies, Qassatat, Pizza, Timpana u Ravjul.

## The Salmon's art: Against the Mainstream - The Diary

Wara xhur ta' stennija, fl-aħħar l-*exchange* kienet waslet. Aħna, grupp ta' żgħażagħ miż-ŻAK (Żgħażagħ Azzjoni Kattolika) B'Kara konna se nqattgħu ġimgħa fl-Islovakkja ma' grupp ta' żgħażagħ kattoliċi li bħalna jaħdmu fil-komunita` tagħhom. Naturalment kien hemm preparazzjoni kbira għal dawn il-ġranet: ippreparajna siltiet fuq l-istorja u kultura Maltija, organiżżajna mumenti ta' riflessjonijiet.

Wasalna Vjenna wara titjijra ta' xi sagħtejn, iżda dan kien biss il-bidu ta' l-avventura tagħna. Kien għad jonqosna siegħa b'tal-linja sa Bratislava, tlett siegħat bil-ferrovija sa Zilina u siegħa oħra sa Martin b'tal-linja; u sebgħat ijiem mimlijin daqs bajda ma' grupp ta' żgħażagħ Slovakki.

Meta wasalna, l-Islovakki laqgħuna bi stil tradizzjonali Slovakk u bil-mod il-mod bdejna nidraw lil xulxin. Il-Programm li kellna għena biex b'forma ta' logħob, kant, żfin, reċtar u attivitajiet oħra bħal dawn insiru nafu iktar fuq xulxin u fuq il-kultura ta' xuxlin. L-istorja ta' pajjiż tiddetermina ħafna mill-kultura u għalhekk ipprovajna nifhmu iktar lil xulxin billi ħarisna lejn il-passat tagħna. Aħna tajna spjegazzjoni fuq in-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta, ġrajja li tant ħalliet effett fuqna u flimkien irreċtajna din il-ġrajja. L-Islovakki għażlu ż-żmien tal-waqa' tal-Komuniżmu u bis-saħħa tar-reċtar fhimna minn xiex kienu jgħaddu huma f'dawk iż-żminijiet.

Kellna l-opportunita` ukoll li mmorru Terchova, pajjiż qalb il-muntanji, fejn għamilna *hike* li għalina l-Maltin kienet esperjenza unika li tatna ċ-ċans inkunu f'ambjent frisk ta' muntanji li qatt ma konna rajna. Fil-ġranet ta' din l-*exchange* dħalna iktar fid-dettal dwar xi jfisser li bħas-salamun immorru kontra l-kurrent tas-soċjeta`.

Il-ġranet taru u f'kemm ili ngħidlek waslet l-aħħar ġurnata. Il-quddiesa ta' ringrazzjament kienet tmiem addattat għal ġimgħa mimljia avventuri u wara il-festin żgħir li kellna kien diffiċli li ngħidu 'ċaw'. Fi ftit ġranet irnexxilna nagħmlu ħafna ħbieb u ħafna esperjenzi sbieħ li żgur ma konniex se ninsew faċilment. Bqajna nżommu kuntatt ma' xulxin bis-saħħa ta' website li ħloqna flimkien u kulħadd kien jistenna li tgħaddi sena biex inkunu nistgħu nerġgħu niltaqgħu. Li jmiss issa huwa li aħna nilqgħu l-Islovakki għandna biex inkomplu dak li bdejna f'Lulju tas-sajf li għadda.



## Ġunju

### Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ.

Mario Zammit - Elaine Fenech; Alex Portelli - Karen Cilia La Corte; Steve Colombo - Miriam Belkku; Steve Anthony Portelli - Elaine Xuereb; Roberto Attard Biancardi - Donna Mallia; Peter Alexander Roland - Graziella Micallef; Mario Vella - Diane Camilleri; Rene Etienne Muscat - Anna Marie Theuma; Glenn Gatt - Maria Attard; Jeffrey Bajada - Sharon Susan Stride; Benjamin Thomas Matthews - Romina Scerri; Charlon Sammut - Francesa Micallef; Antoine Galea - Maria Cassar; Carlo Abela - Jacqueline De Giovanni; Conrad Ellul - Dorianne Colombo

### Issieħbu fil-Knisja permezz tal-Magħmudija.

Maya Sammut, Thea Balzan, Denzyl Aquilina, Katrina Vella, Ylenia Attard, Lindsey Micallef, Neil Bugeja, Isaac Sammut

### Ingħaqdu mal-Mulej fil-Mistrieħ ta' Dejjem

Philip Aquilina, Catherine Grixti, Mario Bartolo, Emanuel Mallia, Edward Borg, Elena Zammit, John Zammit, Mary Gauci, Joseph Borg, Giovanna Schembri, Rita Mizzi, Vincent Galea, Sunny Borg, Richard Cardona, Pawlu Bonnici, Carmelo Farrugia

## Suffraġji

- ☐ Rita Casha in-nanna ta' Annabelle toffri Lm2 b'suffraġju ta' ruħha. Hi tagħlaq 3 snin mejta fil-15 ta' Awissu.
- ☐ Gemma Pullicino u wliedha joffru Lm3 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom Ġużeppi Pullicino li jagħlaq 9 snin mejjet fit-13 ta' Awissu u ta' Maria Tabone li tagħlaq 27 sena mejta fl-24 ta' Awissu.
- ☐ Jane Grech u l-familja joffru Lm5 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom Lorenzo Grech li jagħlaq 3 snin mejjet fil-25 ta' Awissu.
- ☐ J. Agius toffri Lm2 b'suffraġju tal-għeżież tagħha Gerald u Catherine Coleiro li jagħlqu 21 u 9 snin mejta.
- ☐ Maria Borg u l-familja tagħha joffru Lm5 b'suffraġju tal-għeżież tagħhom, Ġużeppi, Sunny, Leli u Ġużeppa Borg.
- ☐ Helen Muscat toffri Lm2 b'suffraġġju tal-għażiż ziju Michael Balzan li għalaq 47 sena mejjet fit-23 ta' Ġunju u ta' Carmelo Muscat.
- ☐ Il-familji Borg u Cauchi joffru Lm3 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom Anthony Borg li għalaq 7 snin mejjet.

## Ħbieb

Ħbieb Joe Cini; Familja P.Grech
Lm0.75 Dun Perin Lane

LAURENS WATCHES

**G.B. JEWELLERY**
GEORGE BUSUTTIL
451, Fleur-de-lys Road, B'Kara - Tel: 21 499 679

LORENZ WATCHES